MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2003

Appell Kriminali Numru. 151/2002

Il-Pulizija
(Spettur J. Cordina)
Vs
Raymond Bellizzi

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-19 ta' Jannar, 1999 u/jew f'xi data qabel, xjentement kellu fil-pussess tieghu vettura tal-marka "Vauxhall" bin-numru tar-registrazzjoni TMA-596V, billi xjentement laqa' ghandu, zamm jew hebgha l-imsemmija vettura kif ukoll ghen jew assista bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern mit-taxxa fuq il-valur mizjud li kellha tithallas fuq l-imsemmija vettura. L-imsemmija vettura ghandha valur ta' LM 2264, dazju xejn u VAT LM 339.60c liema VAT ma gietx imhallsa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Gunju, 2002, li biha wara li

rat l-Artikolu 60 (c), (e), (j), (k), u l-Artikolu 62 (a) (c) (e) (f) (g) (h) (I) (k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, kif ukoll l-Artikolu 17 tal-att dwar id-Dazji tal-Importazzjoni Kap 337 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati u kkundannatu ghall-multa ta' erbat elef, tmien mija u sebgha u sittin lira Maltin u sittin centezmu (LM4867.60) u ordnat ukoll il-konfiska tal-vettura esebita.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 ta' Gunju, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tilliberah minn kull htija u piena u fin-nuqqas tirriforma s-sentenza billi thassar il-kundanna tal-multa ta' erbat elef, tmien mija u sebgha u sittin lira Maltin u sittin centezmu u thalli ferm l-ordni tal-konfiska tal-vettura esebita, liema vettura giet importata f'Malta minn Deborah Jane Saul.

Rat illi l-aggravji tal-appellant kontenuti fir-rikors tal-appell fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti :- 1. li l-appellant ipprova fuq bazi ta' probabilita' li huwa ma kellu ebda xjenza dwar l-origini tal-vettura hlief li kienet proprjeta' ta' Ingliz li kien jaf ghal xi zmien u li ghalhekk huwa qatt ma seta' kien xjentement fil-pozizzjoni li huwa jkun qieghed fil-pussess ta' dik il-vettura TMA 586 bil-hsieb li xjentement jghin biex jiffroda lill-Gvern mit-Taxxa fuq il-valur mizjud kif indikat fl-art. 60(c) (e) (j) (k) u l-art. 62(a) (c) (e) (f) (g) (h) (i) (k) tal-Kap.37 u kif ukoll 17 tal-Kap.337 tal-ligijiet ta' Malta; 2. Li fil-fatt din ix-xjenza kienet assenti minhabba li l-appellant kull ma kien jaf kien li din il-vettura kienet ta' certu Thompson meta fil-fatt kienet persuna ohra li mportat din il-vettura certa Deborah Jane Saul u din kienet ilha ghandhu ggaragjatha xaharejn meta skond il-ligi u cioe' l-art. 17 tal-Kap.337, l-oggett soggett ghat-temporary import licence jista' jkun f'Malta ghall-periodu ta' tlitt xhur; u 3 li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti;

Ezaminat l-atti kollha processwali;

Rat id-Digriet Taghha tas-17 t'Ottubru, 2002 li bih cahdet it-talba tal-appellant biex jipproduci fl-istadju tal-appell lil Gordin Stewart Thompson li ma kienx xehed quddiem l-Ewwel Qorti;

Semghet it-trattazzjoni fil-kors tal-istess seduta tas-17 t’Ottubru, 2002 u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghas-16 ta‘ Jannar, 2003 , bil-fakolta‘ li l-kawza tigi rikjamata ghal data aktar vicina jekk is-sentenza tkun tista‘ tinghata;

Rat l-Ordni taghha biex is-sentenza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum;

Rat in-Nota tal-Avukat Dottor Angelo Farrugia tal-1 ta’ Novembru, 2002 li biha esebixxa kopja ta‘ sentenza ta‘ din il-Qorti tal-25 t‘Ottubru, 2002 fil-kawza fl-ismijiet : “Il-Pulizija vs. Giovanni sive John Grima“ fejn il-Qorti “ex officio“ applikat il-preskrizzjoni skond l-art. 76 tal-Kap.37 u li din tapplika ukoll fil-kaz in ezami peress li ukoll f’dan il-kaz skadew is-sentejn preskrizzjoni mid-data tal-kommissjoni tar-reat li ghandha titqies bhala d-data ta’ meta ddahhlet f’ Malta l-vettura TMA0596V - sa meta effettivament tressaq l-imputat Bellizzi , u li biha ssottometta ukoll li l-emendi l-godda introdotti bl-Att XII ta’ 2001 ma japplikawx f’dan il-kaz ladarba l-allegat kaz gara qabel l-istess emendi w li l-preskrizzjoni hija meqjusa bhala parti sostantiva fil-kamp kriminali.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Generali tal-11 ta’ Novembru, 2002 li biha ssottometta li s-sentenza hija korretta izda ma kienx korrett li din in-nota giet prezentata f’dan l-istadju meta s-sottomissjonijiet kollha gew ezawriti. Illi l-artikolu 419(b) tal-Kodici Kriminali jrid li jigu ndikati r-ragunijiet tal-appell u l-Qorti hija limitata ghal dan biss. Illi mhux permissibbli li wara t-trattazzjoni orali jitqajjmu aggravji ohra kif gara f’dan il-kaz. Illi pero’ ma jidhirx li hemm xi limitazzjoni fuq il-Qorti li qabel tinghata s-sentenza tqajjem “ex officio” l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 694 tal-Kodici Kriminali.

Rat in-nota ta’ din il-Qorti tat-2 ta’ Dicembru, 2002 komunikata lill-Prosekutur u lill-Avukat Difensur;

Rat in-Noti ta’ sottomissjonijietipprezentati mill-Prosekuzzjoni w mid-Difiza fid-9 ta’ Dicembru, 2002 in risposta hall-kweziti sollevati minn din il-Qorti;

Ikkonsidrat;

Illi qabel xejn din il-Qorti trid tissenjala li , in linea generali , taqbel ma dak li lmenta minnhu l-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-11 ta' Novembru, 2002 , u cioe' li l-aggravji li fuqhom ghandha tiddeciedi l-Qorti tal-Appell Kriminali ghandhom ikunu dawk elenkati fir-rikors tal-appell , kif ukoll li ladarba ikun inghalaq l-istadju tat-trattazzjoni tal-appell u l-kawza tkun giet differita ghas-sentenza, ma ghandhomx isiru sottomissjonijiet ulterjuri minn xi parti jew ohra qabel ma jigi ottenut il-permess specjali biex dan ikun jista' jsir mill-Qorti permezz ta' rikors , permess li ghandu jinghata biss f'cirkostanzi straordinarji , ghax inkella jista' jinghata lok ghal certa tattiika biex jittawlu l-proceduri w l-kawza ma tigix deciza fiz-zmien mahsub . Jigi rilevat ukoll li n-Nota giet b' mod irritwali pprezentata f'isem l-Avukat Difensur u mhux f'isem l-appellant kif suppost sar , ghax l-avukat difensur mhux parti fil-kawza.

B'dana kollu, f' dan il-kaz partikolari, trattandosi ta' sentenza li nghatat minn din il-Qorti diversament preseduta WARA li din il-kawza giet differita ghas-sentenza w li allura l-appellant ma setax kien jaf biha qabel, kif ukoll trattandosi ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni li f'kull kaz hija sollevabbli "ex officio" mill-Qorti skond l-art. 694 tal-Kap.9 , kif del resto jikkoncedi l-istess Avukat Generali fir-risposta tieghu fuq referita , din il-Qorti sejra xorta wahda tiehu konjizzjoni ta' din il-pregudizzjali, anki jekk ma gietx sollevata bhala aggravju fir-rikors tal-appell.

Illi din il-Qorti proprju ghalhekk ser tibda biex tara jekk l-akkuzi jew xi wahda minnhom humiex preskritti skond il-ligi . Jibda biex jigi precizat illi skond l-akkuza, l-periodu taz-zmien li fih hu allegat li gie kommess ir-reat jew reati dedotti kontra l-appellant kien dak ta' "Jannar tas-sena 1999 u/jew f' xi data qabel " Il-ksur tal-ligi allegat umbaghad suppost li kien tal-art. 60 (c) (e) (j) (k) u l-art. 62 (a)(c)(e)(f)(g)(h)(i) u (k) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap.37) u tal-Art. 17 tal-Att dwar id-Dazju tal-Importazzjoni (Kap.337) . Il-proceduri odjerni jidher li bdew bil-"Letter to Prosecute" mahruga mill-Kontrollur

tad-Dwana fl-24 t'Awwissu, 1999 u ndirizzata lill-Kummissarju tal-Pulizija w dana ghal dak li jirrigwarda l-ksur tal-Ordinanza tad-Dwana (fols. 4 u 2 tal-process) . F'din l-ittra jintqal testwalment li : "L-imsemmija vettura kienet impurtata Malta minn Deborah Jan Saull u rilaxxjata lilha stess fil-11 t' Ottubru, 1996 ... fuq bazi temporanja, ai termini ta' l-artikolu 17 ta' l-Att dwar id-Dazju tal-Importazzjoni Kap.337".

Illi skond il-komparixxi li iggib id-data tal-15 ta' Frar, 2001 , l-appellant kien gie mharrek biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-istess data (fol.1) w jidher li l-kaz beda jinstema dak in-nhar stess u cioe' kwazi erba snin u sitt xhur wara li l-vettura in kwistjoni giet importata f' Malta fil-11 t'Ottubru, 1996, u ftit inqas minn sena u nofs wara li harget il-"letter to prosecute", pero' f'kull kaz aktar minn sentejn wara li l-karozza in kwistjoni giet elevata minnghand l-appellant fid-19 ta' Jannar, 1999.

Illi skond l-artikolu 76 tal-Kap.37 kif kien fiz-zmien tal-allegati reati ( u cioe' qabel ma dahlu in vigore l-emendi introdotti bl-Att XII tal-2001 ) procedimenti dwar xi reat kontra l-Ordinanza ghandhom jinbdew -
a) meta l-oggetti li dwarhom min ikun ghamel ir-reat ikunu qed isiru procedimenti kontra tieghu ikunu oggetti murija fl-iskeda , u cioe' tabakk, imbejjed u spiriti , armi tan-nar u munizzjon, fi zmien ghaxar (10) snin minn meta l-oggetti ikunu gew importati;
b) meta l-procedimenti jkunu gew istituiti taht il-paragrafi (f) u (g) tal-artikolu 62 u l-paragrafu (k), b'riferenza ghall-paragrafi (f) u (g) tal-istess artikolu f'kazijiet li ma jkunux dawk li ghalihom japplika l-paragrafu (a), fi zmien hames snin mid-data tal-importazzjoni tal-oggetti li ghalihom jirriferi r-reat ; u
c) f'kull kaz iehor fi zmien sentejn mid-data tal-kommissjoni tar-reat.
u dana kif kienet il-ligi qabel ma giet emendata bl-Att XII tal-2001 li dahal in vigore wara li bdew il-proceduri in kwistjoni.

Illi kjarament il-paragrafu (a) li jippreskrivi preskrizzjoni ta' ghaxar (10) snin ma japplikax ghax l-oggett in kwistjoni kienet karozza u mhux dawk imsemmija fl-Iskeda.

Illi minn ezami tas-subartikoli (c) (e) (j) u (k) tal-art. 60 tal-Kap.37 indikati fil-komparixxi mahruga kontra l-appellant , li jirrigwarda biss il-kazijiet fejn ghandha ssehh il-konfiska tal-oggett , jidher li l-involviment tal-appellant jista' jinkwadra ruhu biss taht is-sub-artikolu (j) li jrrigwarda il-kaz ta' oggetti mportati jew mahrugin mid-depozt skond is-subparagrafu (ii) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 17 ta' l-Att Dwar l-Importazzjoni li ma jergghux jigu esportati fiz-zmien stipulat skond ma hemm fl-istess subparagrafu, w dana ghax is-subartikoli l-ohrajn ma jidhrux li huma rilevanti ghall-kaz.

Illi umbaghad mill-ezami tas-subartikoli tal-artikolu 62 tal-Kap. 37 ukoll indikati fil-komparixxi , jidher li dawk li jistghu jkunu rilevanti ghall-akkuza kif redatta fil-komparixxi huma s-subartikolu (f) (g) (h) (i) u (k) li jirrigwardaw rispettivament il-kaz ta' min xjentement jilqa' ghandu, jzomm, jew jahbi jew xjentement ihalli jew jittollera , jew igieghel jew ifittex li jigu milqugha,mizmuma jew mohbija oggetti li l-importazzjoni taghhom hija pprojbita jew limitata, jew li ma hallsux dazju , jew oggetti li jkunu gew imwarrba kontra l-ligi minghajr hlas ta' dazju minn mahzen ta' depozt tal-Gvern jew privat jew lok iehor ta' kustodja fejn ikunu gew depozitati; il-kaz ta' min jigi xjentement fil-pussess ta' dawn l-oggetti; il-kaz ta' min xjentement ikollu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib , depozt jew habi ta' dawn l-oggetti jew , filli b'xi mod jiddisponi minn dawn l-oggetti, bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern minn dazju li jkun imiss jithallas fuqhom jew biex jehles minn xi projbizzjoni jew limitazzjoni dwar dawn l-oggetti jew li tkun tghodd ghalihom; jew il-kaz ta' min xjentement ikollu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq jinharab xi dazju tad-dwana jew xi ligi jew limitazzjoni tad-dwana, dwar l-importazzjoni, l-hatt, it-trasbord, l-izbark u l-kunsinna tal-oggetti, jew xi dispozizzjoni tal-Ordinanza jew il-kaz ta' min ihajjar jghin jew jassisti l-eghmil tar-reati hawn fuq imsemmija.

Issa fil-waqt li r-reati kontemplati taht il-paragrafi (f) (g) u l-paragrafu (k) tal-artikolu 62 , in kwantu jirriferi ghal dawn iz-zewg paragrafi (f) u (g) kienu (kif kienet il-ligi qabel l-emendi) preskritti bil-moghdija ta' hames (5) snin minn meta l-oggett ikun gie mportat li f'dan il-kaz kien fil-11 t' Ottubru, 1996, ir-reati kontemplati taht il-paragrafi (h) u (i) kienu preskritti bil-passagg ta' sentejn mill-kommissjoni tar-reat. Ghalhekk ghar-reati kontemplati fl-art. 62 (f)(g) u (k) ,il-preskrizzjoni kienet ghalhekk tiskadi biss fl-11 t'Ottubru, 2001, mentri dik ghar-reati kontemplati fl-artikolu 62 (h) u (i) kienet tiskadi sentejn wara l-kommissjoni tar-reat ta' garr , twarrib jew habi w li jiddisponi mill-oggetti bil-hsieb li jiffroda l-Gvern minn dazji li jkun imiss jithallas fuqhom jew biex jehles minn xi limitazzjoni jew projbizzjoni dwar dak l-oggetti li tkun tghodd ghalihom jew li xjentement ikollu b'xi mod x'jaqsam , filli bil-qerq jinharab xi dazju ta' dwana . U peress li skond id-depozizzjoni tal-appellant mhux kontradetta, hu gie fil-pussess tal-karozza xi xaharejn qabel ma elevawha l-ufficjali tad-dwana, u dan igib ghal data ta' madwar id-19 ta' Novembru , 1998, il-preskrizzjoni kienet tiskadi f' Novembru, 2000.

Issa f'dal-kaz il-proceduri kontra l-appellant bdew fil-15 ta' Frar, 2001 u ghalhekk fil-waqt li kull imputazzjoni kontemplata fl-artikolu 62 (h) u (i) huma ghalhekk preskritti , dawk kontemplati fl-artikolu 62 (f)(g) u (k) ma humiex preskritti. Illi is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fuq imsemmija kienet tittratta biss ksur tal-artikolu 62 (i) li kif intqal aktar il-fuq f'din is-sentenza kien preskrivibbli bil-passagg ta' sentejn mill-kommissjoni tar-reat a tenur tal-artikolu 76 (2) (c) tal-Ordinanza tad-Dwana qabel ma giet emendata u ghalhekk ma tghinx lill-appellant ghar-rigward tal-allegat ksur tal-art.62 (f) (g) u (k) lilu imputati f' dawn il-proceduri.

Ghalhekk il-pregudizzjali tal-preskrizzjoni jista' jolqot biss l-imputazzjonijiet kontemplati fil-komparixxi li koncepibbilment jaqghu taht l-artikolu 62 (a) (c) (e) (h) u (i), izda ma tolqotx dawk kontemplati fil-paragrafi (f) (g) u (k) tal-istess artikolu.

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti “ex officio” qed tiddikjara li r-reati kontemplati taht il-paragrafi (a) (c) (e) (h) u (i) tal-artikolu 62 huma preskritti bil-passagg ta’ sentejn mill-kommissjoni tal-allegati reati. Invece dawk ir-reati kontemplati taht il-paragrafi (f) u (g) u il paragrafu (k) in kwantu dan jirriferi ghall-paragrafi (f) u (g) tal-artikolu 62 mhumiex preskritti ghax ma ghaddewx hames snin bejn meta nbdew il-proceduri kontra l-appellant fil-15 ta’ Frar, 2001 u meta l-karozza in kwistjoni kienet giet importata f’ Malta l-ewwel darba u cioe’ fil-11 t’Ottubru, 1996 , kif jidher mid-dokument a fol.5 tal-process w inqas w inqas minn meta l-appellant “ex admissis“ dahal fix-xena, w cioe’ bejn Novembru, 1998 u Jannar, 1999.

Diffikulta’ ohra li qamet u li din il-Qorti tat-l-opportunita’ lill-Prosekuzzjoni w lid-Difiza li jaghmlu sottomissjonijiet dwarha , kienet tirrigwarda l-fatt li ghalkemm “dazju” f’dan il-kaz ma kienx dovut u kien dovut biss VAT , kienu nbdew il-proceduri minghajr il-permess tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ,kif jippreskrivi l-artikolu 83 tal-Att XXIII tal-1998 . Di fatti dan l-Artikolu jiddisponi li :-

“Ma ghandhomx jinbdew ebda proceduri taht din it-Taqsima hlief minn jew bil-permess tal-Kummissarju ...”

Illi kif jidher mill-”letter to Prosecute” mahruga minn John Mifsud , A/Kontrollur tad-Dwana lil Kummissarju tal-Pulizija fl-24 t’ Awwissu, 1999 , intqal testwalment li :-

“Peress li l-vettura imsemmija hija soggetta ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud , f’dan ir-rigward
il-V.A.T. ghandha tigi riferuta separatament ghall-proceduri kriminali mid-Dipartiment tal-VAT.”

Illi minn ezami tal-atti processwali ma jirrizulta minn imkien li dan effettivament sar u zgur li ma hemm ebda “letter to prosecute” ghall-evazjoni tal-VAT da parti tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, jew xi persuna minnu debitament delegata, w dana minkejja li l-Agenti Kontrollur tad-Dwana kien issenjala l-htiega ta’ dan fl-ittra tieghu lill-Kummissarju tal-Pulizija. Konfrontata b’din il-mankanza din il-Qorti trid tara jekk tali nuqqas

proceduralі jgibx ghan-nullita' tal-proceduri odjerni . Id-difiza ssostni li dan hu l-kaz. Invece l-Prosekuzzjoni ssostni xort' ohra fin-nota taghha tad-9 ta' Dicembru, 2002.

Di fatti l-Prosekuzzjoni qed tghid li n-nuqqas formali ta' "letter to prosecute" da parti tal-Kummissarju tal-VAT ma jgibx in-non-prosegwiment tal-proceduri kriminali fil-konfront tar-reati bi ksur tal-ligi tal-VAT , pero' ma jiccita ebda awtorita' ghal dan minkejja li l-ligi tghid car u tond il-kuntrarju . Isostni pero' li ladarba li l-artikoli 18 u 62 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap.37) huma applikabbli wkoll fi hdan id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 337 ossia 406 u l-imsemmija artikoli , partikolarment l-artikolu 62 (h) jikkontempla l-gbir u hlas ta' kull dazju dovut fis-sitwazzjoni w fattispecje tal-kaz odjern, tali dazju ghandu manifestament jinkludi ukoll il-hlas tal-VAT, il- "letter to prosecute" mahruga mill-Kontrolur tad-Dwana ghandha testendi ghal u tkopri ukoll kull gbir u hlas ta' VAT dovut fuq il-vettura in kwistjoni minhabba proprju li kien hemm dispozizzjoni taghha mill-imputat appellant bi ksur ta' kull projbizzjoni u/jew restrizzjoni mposti bhala kundizzjonjiet sabiex setghet tinghata "temporary import licence" fl-ewwel lok.

Illi din il-Qorti rriflettiet fit-tul dwar din il-kwistjoni w thoss li ,fl-assenzja ta' xi pronunzjament awtorevoli minn xi Qorti ohra, ma ghandix tmur kontra dak li tiddisponi l-ligi fl-artikolu 83 (1) fuq citat. Il-pozizzjoni legali korretta skond din il-Qorti hi li ghalkemm fi proceduri taht il-Ligi tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud, jistghu wkoll konkomitantement jintalbu sanzjonijiet ghal nuqqas li jkun iwassal biex tigi evitata xi Taxxa fuq il-Valur Mizjud u jkunu applikabbli ghall tali evazjoni fic-cirkostanzi prospettati fl-artikoli 18 u 62 tal-Kap.37 ghal dak li jikkostitwixxi l-elementi u l-figuri differenti tar-reati kif jimmanifestaw ruhom fl-artikolu 18 u fid-diversi paragrafi tal-artikolu 62 tal-Kap. 37 u dan in forza tal-artikolu 80 tal-Kapitolu 406, xorta wahda pero' li biex tibda procediment simili ikun hemm bzonn li dan jibda jew mill-Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud jew bil-permess tieghu.

L-artikolu 80 fuq imsemmi jifforma parti mit-Taqsima X "Reati u Pieni" tal-Att XXIII tal-1998 u l-artikolu 83(1) jghid espressament li "Ma ghandhom jinbdew ebda procedimenti TAHT DIN IT-TAQSIMA (emfasi ta' din il-Qorti) hlief minn jew bil-permess tal-Kummissarju .." Mela anki procedimenti ghall-evazjoni ta' VAT li jkunu jakkampaw ruhom taht ic-cirkostanzi w fattispecji kontemplati fl-artikoli 18 u 62 tal-Ordinanza tad-Dwana jinhtiegu li jinbdew minn jew bil-permess tal-Kummissarju.

Wara kollox l-artikolu 80 tal-Att XXIII ma jiddelegax il-poteri tal-Kummissarju Tal-VAT lill- Kontrollur tad-Dwana, imma jiddisponi biss li :-

"Id-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 18 u 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana ghandhom japplikaw

ghal dan l-Att bhallikieku kull riferenza ghal dazji li tinsab f' dawk l-artikoli kienet riferenza

ghal taxxa dovuta taht dan l-Att u kull persuna li tikser id-dispozizzjonijiet ta' dawk l-artikoli

li jiftiehmu kif imsemmi qabel dwar li l-importazzjoni taghhom hi suggetta ghal taxxa taht

dan l-Att tkun hatja , minghajr pregudizzju ghal kull responsabbilta' li jkollha taht l-Ordinanza

imsemmija , ta' reat taht dan l-Att ..."

Igifieri li qed taghmel il-ligi tal-VAT fl-artikolu 80 hu fil-fehma ta' din il-Qorti li qed tiehu il-faxx jew "gamut" ta' reati differenti kontemplati f' ligi ohra w senjatament l-artikoli 18 u 62 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37) u, a skans ta' ripetizzjoni taghhom fil-ligi tal-VAT, taghmilhom reati taht il-Ligi tal-VAT, b' dana pero' dejjem li taht l-artikolu 83(1), biex jibdew procedimenti jrid ikun hemm l-intervent jew il-permess tal-Kummissarju tal-VAT.

Umbaghad , biss meta tinstab htija - u tista' tinstab htija biss jekk il-procedimenti jkunu bdew kif imiss - il-persuna hatja tista' tehel multa ghal total meta tghodd flimkien it-taxxa (aqra VAT) li jkollha tithallas fuq l-oggetti u d-doppju tal-valur ta' l-oggetti jew multa ta' LM25, skond liema tkun l-akbar ......

Din l-interpretazzjoni tal-ligi hi wara kollox konformi mad-dikjarazzjoni li ghamel l-istess Agent Kontrollur tad-Dwana, meta fil-"letter to prosecute" tieghu gibed l-attenzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, ghall-fatt li kien hemm bzonn li fir-rigward tal-VAT , il-kwistjoni kellha tigi riferuta separatament ghall-proceduri kriminali mid-Dipartiment tal-VAT". Dan pero' baqa' ma sarx u l-Pulizija pprocediet xorta wahda minghajr tali awtorizzazzjoni.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dan in-nuqqas iwassal ghan-nullita' ta' dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant u ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa l-appell u tirrevoka ghal kollox is-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

-------------------------------TMIEM-------------------------------